TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Carmel Vella

vs

Sant Travel

CCT 108/22/MS

15 ta' Frar 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fid-29 ta' Lulju 2022 fejn talab ir-rifuzjoni ta' disgha u tmenin Euro, ammont ta' flus li gie kostrett li jhallas ghal booking go lukanda, liema booking gie kancellat, wara li gie rifjutat l-akkommodazzjoni.

Ra li l-azjenda intimata, debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh, ma dahlitx risposta. B'danakollu, l-intimat Alfons Sant deher quddiem it-Tribunal fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2022 u ta x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi u mhux kontestat, illi r-rikorrent ibbukja kamra go lukanda mal-azjenda intimata, ghal hmistax il-gurnata (Economy Studio Kitchenette) bejn it-3 u lt-18 ta' Mejju 2022 fil-lukanda Tropical Island Apart-Hotel ghall-prezz ta' €319.00 (ara Cash Sale datat 28 April 22). Alavolja li dan kien pre-paid u kien hallas lill-azjenda intimata l-ammont kollu dovut, malli wasal fil-lukanda, r-rikorrent ighid li regghu talbuh ihallas il-flus, u hu irrifjuta. Ghaldaqstant, ghalkemm huwa kien intitolat ghall-kamra li kien hallas, kellu jitlaq u jsib akkommodazzjoni ohra bl-ghajuna tal-pulizija. L-azjenda intimata irrifondietlu s-somma ta' €270.00 (minn €319.00). Ghalhekk huwa qed jitlob li jinghata d-diskrepanza - u cjoe' €49.00, kif ukoll erbghin euro ohra ghal taxi li kellu jaqbad mill-ajurport sal-lukanda. Ighid ukoll illi ghamel gurnata u nofs minghajr akkommodazzjoni u li kien frustrat hafna bis-sitwazzjoni.

Illi min-naha l-ohra, Alfons Sant, rapprezentant tal-azjenda intimata, ikkonferma illi r-rikorrent kien ibbukja lukanda ghal hmistax - il gurnata, u li din kien pre-paid. Esebixxa wkoll il-pre-paid voucher, fejn hemm indikat car illi l-lukanda tista' ssaqsi ghal credit/ debit card jew flus kontanti ghal charges incidentali. L-intimat ighid illi ghalkemm ma kienx prezenți, peress li r-rikorrent ma kellux credit jew debit card u lanqas mobile phone jew email, is-sitwazzjoni aggravat ruhha. Ighid ukoll illi meta hu mar l-ufficju fl-4 ta' Mejju, sab email fejn gie infurmat illi l-lukanda stess xtaqet tikancella il-booking minhabba attegjament hazin da parti tar-rikorrent. (Ara email mibghut fl-4 ta' Mejju fil-4.56am). L-intimat ighid illi peress illi ma setax jaghmel kuntatt mar-rikorrent ghaliex ma kellux mobile jew email, kellu jaghmel decizjoni, u iddecieda illi jikancella l-booking. Gie infurmat li l-lukanda kienet disposta li tirrifondi l-ammont kollu, hlief ghall-ewwel lejl. Huwa ta lir-rikorrenti l-ammont kollu illi ha lura. Erbat ijiem wara, fid-9 ta' Mejju, ir-rikorrent ghamel kuntatt mal-intimat, tramite l-email ta' certu Cristofer Duran, li jidher li kien jahdem gol-lukanda l-ohra fejn eventwalment mar joqghod ir-rikorrent. L-intimat qallu illi kien irnexxielu igiblu rifuzjonni tal-ammont kollu, hlief tal-ewwel lejl.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' €89.00 - kwantu ghal €49.00 - ghall-lejl wiehed go lukanda li r-rikorrent gie kostrett ihallas wara li l-booking tieghu giet ikancellata, u erbghin euro ohra ghat-taxi li kellu jaqbad mill-ajurport sal-lukanda.

Illi hija haga normali u mistenni, ili meta wiehed isiefer, anke jekk l-ammont kollu ikun thallas mill-bidu (pre-paid in full), xorta wahda, meta tasal gol-lukanda ikollok taghti xi forma ta' assikurazzjoni- normalment permezz ta' credit /debit card u fin-nuqqas, flus kontanti, ghal charges addizzjoniali li jkopru incidenti bhal hsara fil-kamra, servizz fil-kamra (room service jew mini bar) kif ukoll city tax, li huwa charge addizjonali. Milli jidher, pero', ir-rikorrent irrifjuta illi jikkopera mal-lukanda u kif ammetta huwa stess, kien frustrat hafna bis-sitwazzjoni. Jidher li l-lukanda ma reditx takkomdah minhabba l-attegjament tieghu. Terga' u tghid, ir-rikorrent ma kellux access ghal mobile u jew email, u allura ma setax jikkomunika ma hadd u vice versa.

Wara li ra l-iskambju tal-emails, it-Tribunal ihoss illi din kienet sitwazzjoni partikolari u li m'ghandux jahti l-intimat, li ghamel minn kollox, nonostante id-diffikulta tieghu li jaghmel kuntatt mar-rikorrent u irrifondilu l-flus kollha li ha lura mill-lukanda. Kull lukanda ghandha r-regoli taghha, u huwa normali li jekk wiehed jirrifjuta li jimxi mar-regoli, ma jistax imbaghad jippretendi illi jiehu r-ragun. Il-lukanda kienet sew fi hdan id-drittjiet taghha illi tinsisti ghal flus kontanti/ jew credit card, u fin-nuqqas li tirrifjuta li takkomda lir-rikorrent. Il-fatt illi r-rikorrent irnexxielu jiehu lura flus kolla, hlief ghall-ewwel lejl,

kien minhabba l-ghajnuna tal-intimat, li kien pront li jiehu decizjoni, nonostante id-diffikultajiet li sab ruhu fihom.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru